TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

CCT/86/17/S

Carmen Xerxen
Vs
J.Camenzuli & Sons Ltd

Illum 28 ta'Settembru,2017.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Carmen Xerxenipprezentata fit-12 ta'Mejju,2017 u r-risposta tas-socjeta J.Camenzuli & Sons Ltd ipprezentata fis-16 ta'Gunju,2017;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-partijiet u t-trattazzjoni fis0seduta tat-13 ta'Lulju,2017;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda zewg qomos li skont ir-rikorrenti, meta nhasslu l-ewwel darba, il-kulur blu inhall. Min-naha taghha s-socjeta intimata sostniet li l-qomos ma nhasslux sew u offriet li tahsilhom u jekk jirrizulta li t-tbajja jibqghu, is-socjeta intimata kkonfermat li kienet tibdilhom;

Illi l-offerta tas-socjeta intimata taghmel sens u mhuwiex car ghalfejn ir-rikorrenti ma accettatx tali proposta;

Illi t-talba tar-rikorrenti kienet ukoll suggetta li l-qomos jinbidlu ghal kulur iehor li jista' jindika li din hi x-xewqa principali taghha;

Illi ma saritx il-prova daparti tar-rikorrenti li l-kulur reha tort tal-kwalita hazina tal-qomos u mhux mil-mod kif inhaslu, kif qed tallega s-socjeta intimata;

Illi dan it-Tribunal hu tal-fehma li l-proposta tas-socjeta intimata ghandha tintlaqa' fis-sens li l-qomos ghandhom

jinghataw lis-socjeta intimata biex jinhaslu minnha u jekk it-tbajja jibqghu, il-qomos ghandhom jinbidlu;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jichad it-talba ta' Carmen Xerxen filwaqt li Jilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta J.Camenzuli & Sons Ltd u Jordna li z-zewg qomos in kwistjoni jigu ritornati lis-socjeta intimata li jkollha gimgha cans biex dawn jinhaslu u f'kaz li t-tbajja ma jmorrux, is-socjeta intimata ghandha tibdel l-istess qomos bi tnejn bhalhom jew simili. Kull parti thallas l-ispejjez taghha ta' dawn il-proceduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru